MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 423/2010

**Catherine Sciberras (K.I. 402868M) u b'digriet moghti nhar l-Erbgha 5 ta' Mejju, 2010, kunjom l-attrici irid jinqara "Buhagiar" minflok "Sciberras" (vide fol.12 tal-process)**
**Vs**
**Joseph Sciberras (K.I. 165965M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attrici qed titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma t' elf, tliet mija u hamsin ewro (€1,350) jew kull somma akbar li ghad trid tigi stabbilita, dejjem pero' inqas minn tlett elef, erba' mija u tlieta u disghin ewro li jirraprezentaw il-hlas dovut mill-konvenut ghal nofs l-ispejjez medici u t' edukazzjoni li obbliga ruhu li jhallas f'kuntratt ta' separazzjoni datat 15 ta' Frar, 2007 fl-atti tan-Nutar Dott. Carmel Gafa', anness bhala dokument A. Bl-imghaxijiet minn issa sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas- 17 ta'

Novembru, 2009, kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut li fiha eccepixxa illi t-talba kif rivolta fil-konfront tal-konvenut hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut qatt ma gie interpellat ghal hlas ta' xi spejjez, kif enuncjat fit-talba promotrici. Illi di piu, u minghajr pregudizzju ghal premess, l-ammont dikjarat mill-attrici fit-talba promotrici huwa eccessiv, u l-attrici ghandha tipprova kif l-ammont citat minnha gie likwidat. B'riserva t' eccezzjonijiet ulterjuri, u bl-ispejjez kontra l-attrici, ngunta in subizzjoni.

Ra l-affidavit ta' Catherine Buhagiar

Sema' x-xhieda ta' Catherine Buhagiar u l-konvenut in subizzjoni bil-gurament;

Ra l-atti tal-kawza;

Ra l-verbal tas-27 ta' Settembru fejn it-talba ghaddiet ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**
It-talba tikkoncerna hlas ta' nofs l-ispejjez t' edukazzjoni u tas-sahha tat-tfal tal-partijiet fit-talba.

Illi mill-provi jirizulta illi :

Il-partijiet isseparaw fil-15 ta' Frar 2007 b'kuntratt ta' separazzjoni quddiem in-nutar Dott. Carmel Gafa'.

Illi miz-zwieg taghhom kellhom zewg t'itfal Nathaniel u Abigail li fis-sena 2007 kellhom 10 snin u 7 snin rispettivament u ghalhekk illum ghadhom minorenni.

Illi l-awtenticita' tal-kuntratt tas-separazzjoni pprezentat mill-attrici flimikien mal-avviz gie kkonfermat mill-partijiet (ara nota konguntiva tal-partijiet a folio 116 tal-process) u ghalhekk ma kienx hemm htiega li jitressaq in-Nutar Gafa' biex jikkonferma l-kuntratt. Skont il-kuntratt (vide artikolu 5, a folio 2 tal-process) il-missier kellu jhallas lill-omm is-

somma ta’ disghin (LM90) liri antiki Maltin fix-xahar ghal kull wild, kull xahar bil-quddiem, u li ghandu jigi rivedut skont l-gholi tal-hajja perjodikament bi qbil bejn il-partijiet u jekk m’hemmx qbil skont kif deciz mill-Qorti. L-artikolu 5 ikompli, “*minghajr pegudizzju ghall-imsemmi manteniment perjodiku r-ragel jobbliga ruhu li jhallas nofs l-ispejjes kollha konessi mal-edukazzjoni u spejjes medici ta’ l-ulied, flimikien mal-ispejjes l-ohrajn kollha straordinarji li jistghu jirizultaw minn zmien ghall-iehor u dan fuq prezentata ta ricevuta jew fattura*”

Illi fl-affidavit taghha pprezentat nhar is-6 ta’ Lulu 2010 l-attrici kkonfermat illi l-ammont mitlub minnha qatt ma gie mhallas minkejja dak li gie miftiehem fil-kuntratt ta’ separazzjoni. Ipprezentat prospett dettaljat (vide: CB1 a folio 20 sa folio 59) permezz ta’ nota pprezentata nhar is-6 ta’ Lulju 2010 b’lista ta’ spejjez tal-edukazzjoni u s-sahha tat-tfal fis-somma totali ta’ erba’ t’elef, mitejn hamsa u erbghin ewro u wiehed u hamsin centezmu (€4,245.51). Ma’ dawn l-ispejjez l-attrici ddikjarat illi kienu ftehmu li jixtru kompjuter ghat-tfal fis-somma t’ elf, mitejn u hdax-il ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€1,211.23) u r-ragel qatt ma hallas il-parti tieghu. Dan sussegwentament gie kkonfermat bil-gurament mill-attrici (vide ukoll ix-xhieda guramentata folio 81 tal-process).

Illi sussegwentament fl-andament tal-kawza gew ipprezentati aktar noti b’ricevuti ghall-ispejjez inkorsi ghas-sahha u edukazzjoni tat-tfal:

- Illi giet prezentata permezz ta’ nota datata 6 ta’ Lulju 2010 fis-somma ta’ mija u tmintax-il ewro u sitta u tmenin centezmu (€118.86) ghall-ispejjez ta’ kitarra (dok CB2 a folio 17).
- Fl-14 t’Ottubru 2010 giet ipprezentata nota bl-ispejjez ulterjuri fis-somma ta’ tliet mija tmienja u tletin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€338.58) (dok CX1 sa CX6 a folio 65 et seq).
- Fit-2 ta’ Dicembru 2010 gew ipprezentati permezz ta nota’ spejjez ohra ghall-ezamijiet tat-tifel Nathaniel fis-somma mija wiehed u hamsin ewro u hamsa u erbghin

centezmu (€151.45) (dok CB1 u CB2 a folio 84 tal-process).

- Fid-9 ta' Frar 2011 permezz ta' nota gew ipprezentati spejjez ohra tat-tfal fis-somma mija u sittax-il ewro u sebgha u sittin centezmu (€116.67) (dok CBX1 a folio 90).
- Illi gew ipprezentati spejjez ohra permezz ta' nota pprezentata nhar l-1 ta' Marzu 2011 fis-somma ta' hames mija wiehed u tletin ewro u sitta u disghin centezmu (€531.69) (dok CBX2-Dok CBX5 a folio 95 tal-process).
- Illi permezz t'affidavit iehor ipprezentat nhar it-30 ta' Marzu 2011 l-attrici ipprezentat rcevuti ohrajn ta' spejjez fis-somma ta' €15, €6.10, €24, €19.80, €4.33, €8, u €17.27.
- Illi b'nota pprezentata fl-20 t'Ottubru 2011 gew ipprezentati aktar ricevuti fis-somma totali ta' mitejn erbgha u disghin ewro u wiehed u sebghin centezmu (€294.71) (ara folio 117 tal-process).

Illi min-naha tieghu l-konvenut fir-risposta kkontesta li qatt ma gie nterpellat ihallas xi spejjez u di piu l-ammont huwa eccessiv u li l-attrici kellha jggib prova li l-ammont citat minnha gie likwidat.

Konsegwentament fix-xhieda tieghu l-konvenut qal illi kien obbligat ihallas biss manteniment u li ma kienx obbligat ihallas ghall-ispejjez tal-edukazzkoni u tas-sahha tat-tfal. Huwa kkontesta ukoll illi qatt kien hemm ftehim dwar il-kompjuter fuq enuncjat.

Illi fis-seduta tas- 27 ta' Gunju 2012 ghadda s-somma ta' mitejn ewro (€200) bhala hlas akkont tas-somma mitluba. (ara l-verbal tas-seduta a folio 114)

Fil-fehma tat-Tribunal m'hemmx lok ghal ebda kontesstazzjoni dwar jekk il-konveut ghandux l-obbligu li jhallas nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni u tas-sahha tat-tfal tieghu. Il-kuntratt jindika bic-car li, "***r-ragel jobbliga ruhu li jhallas <u>nofs l-ispejjez kollha konessi mal-edukazzjoni u spejjes medici ta' l-ulied</u>, flimkien mal-ispejjes l-ohrajn kollha straordinarji li jistghu***

***jirrizultaw minn zmien ghall-iehor u dan fuq prezentata ta' ricevuta jew fattura" (emfazi mizjuda).***

Illi l-ispejjez ipprezentati jidhru li huma ghas-sahha u l-edukazzjoni w l-htiega tal-prova li gew likwidati hija skont it-Tribunal sodisfatta. Illi aparti kontestazzjoni fix-xhieda tieghu dwar il-ftehim fuq il-kompjuter, u kontestazzjoni generali illi ma kienx obbigat li ihallas dawn l-ispejjes, l-ebda wahda mir-ricevuti pprezentati ma gew ikkontestati *per se* jew dubitati.

It-Tribunal izid, li jhoss illi il-klawzola li taghmel riferenza ghal-ispejjez straodinarji hija pjuttost vaga u tista' taghti lok ghall-abbuz. Pero' fi tlett snin l-attrici pprezentat zewg fatturi dik tal-kompjuter li sostniet li kien bi ftehim u tal-kitarra li fil-fehma taghha huma parti mill-edukazzjoni tat-tfal u ghalhekk spiza t' edukazzjoni. Madankollu pero' bl-ammont totali pprezentat fl-andament tal-kawza lanqas m'hemm bzonn li t-Tribunal jidhol fil-meritu ta' jekk il-partijiet kienux dahlu fi ftehim *o meno* fuq il-kompjuter u jekk il-kitarra ghandhiex titqies bhala spiza straodinarja jew edukattivi ghaliex xorta wahda s-somma li jifdal wara li tnaqqas dawn l-ammonti mitluba jesorbita il-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Illi dan l-istess argument japplika ukoll anke meta wiehed inaqqas l-ammont ta' mitejn ewro (€200) imhallas fis-seduta ta' nhar is- 27 ta Gunju 2011 .

**Decide:**

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi billi jilqa' t-talbiet attrici u jichad l-eccezzjoniet tal-konvenut u jikkundana lill-konvenut ihallas is-somma ta' tliet t'elef erba' mija u tlieta u disghin ewro (€3,493) bl-interessi sal-pagament effettiv. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------